# 40 ERBGĦIN

mcyn

malta catholic youth network

LIFELONG CATECHESIS

ERBGĦIN.01

# PROVA

Ejjew naħsbu fuq il-vjaġġ ta’ Mosè u Elija fid-deżert. Il-muntanja qaddisa t’Alla serviet bħala d-destinazzjoni komuni tagħhom. Waslu u stennew.

*(Qattgħu ftit minuti fis-silenzju biex tirriflettu fuq il-mistoqsijiet li ġejjin, u wara ddiskutu fil-grupp xi mistoqsijiet li jkunu relevanti għalikom.)*

- X'inhi d-destinazzjoni tal-vjaġġ tal-ħajja tiegħek bħalissa?
- F'din id-destinazzjoni, hemm tfittxija għall-preżenza t’Alla?
- X’inhu dak li jsostnik fil-vjaġġ?
- Kemm hi kruċjali għalik l-Ewkaristija bħala ikel spiritwali?
- X’inhu dak li qed tistenna fil-ħajja tiegħek bħalissa?

ERBGĦIN.02

# DEŻERT

*(Qattgħu ftit minuti fis-silenzju biex tirriflettu fuq il-mistoqsijiet li ġejjin, u wara ddiskutu fil-grupp xi mistoqsijiet li jkunu relevanti għalikom.)*

- Hemm xi esperjenza fil-ħajja bħalissa li qed tħallik bla kliem?
- Li kieku jkollok tiddeskrivi ħajtek fil-preżent f'emozzjoni waħda, xi tkun?
- X'inhuma dawk l-areas li tikkunsidra li huma deżert fil-ħajja tiegħek?
- Hemm xi esperjenzi fil-passat li ħlist minnhom (*bħalma l-Lhud ħelsu mill-Eġittu*), u li għalihom għandek kliem ta' tifħir lil Alla?
- Liem hi dik it-tgergira li, b'opportunità mġedda, tista' ddawwar f'talba?

ERBGĦIN.03

# IŻAIJA 40

*(Qattgħu ftit minuti fis-silenzju biex tirriflettu fuq il-mistoqsijiet li ġejjin, u wara ddiskutu fil-grupp xi mistoqsijiet li jkunu relevanti għalikom.)*

- Ħu ftit mumenti biex tirrifletti fuq ix-xewqat tiegħek. Ġieli tesperjenza xi forma t'ansjetà meta taħseb dwar dan?
- Fir-riflessjoni li smajna, nosservaw kif in-nuqqas ta' paċi hu sinjal. Kif tipprova tagħmel paċi ma' dan is-sentiment? Tħallih ikun ta' gwida?
- Santu Wistin darba qal, "Int għamiltna għalik, o Alla, u qalbna ma ssib qatt kwiet, jekk mhux fik." Ħu mument biex tirrifletti fuq dan.



ERBGĦIN.04

# SALM 40

*(Ħudu ftit minuti fis-silenzju biex tirriflettu fuq il-mistoqsijiet li ġejjin, u wara ddiskutu fil-grupp xi mistoqsijiet li jkunu relevanti għalikom.)*

- Li kieku jkollok tidentifika 3 affarijiet li għalihom tinsab grat, liema jkunu?
- Li kieku jkollok tidentifika 3 affarijiet li minħabba fihom tħoss li għadek fil-ħama, liema jkunu?
- Għandi dawl biżżejjed f'ħajti biex nagħraf id-dnub tiegħi? U kif nista' nżid iktar dan id-dawl f'ħajti?
- "Meta nammettu xi ħaġa fina nfusna ma jagħmilniex inqas maħbubin; għall-kuntrarju jagħtina l-opportunità li nagħrfu li aħna maħbubin minn Alla iktar minn qatt qabel." X'inhi r-reazzjoni tiegħek għal dan il-fatt?



ERBGĦIN.05

# 40 U IKTAR

*(Qattgħu ftit minuti fis-silenzju biex tirriflettu fuq il-mistoqsijiet li ġejjin, u wara ddiskutu fil-grupp xi mistoqsijiet li jkunu relevanti għalikom.)*

- Kif tiċċelebrah l-Għid? Tħoss li l-Għid huwa l-ikbar festa tiegħek?
- Wara dak li smajt, hemm xi ħaġa li tista' tbiddel fil-mod kif tiċċelebra l-Għid b'mod personali?
- Ġieli, bħad-dixxipli, ħassejtek magħluq f'kamra mbeżża', jew bħad-dixxipli t'Għemmaws, ġieli ħassejtek li trid tkun 'il bogħod mill-komunità/Knisja?
- Kemm hu importanti għalik l-Ispirtu s-Santu fit-talb?



Ejjew nagħlqu din is-sessjoni b'talba ċkejkna u sempliċi:

***Ejja fina Spirtu s-Santu!***